PLURIBUS PARENS

Minuti tas-sebgħa u għoxrin laqgħa tas-seba' Kunsill Lokali l-Gudja li ġiet imsejħa fl-uffiċċju amministrattiv temporanju tal-Kunsill Lokali Il-Gudja ġewwa l-Librerija Ġużeppi Zammit nhar il-Ħamis 05 ta' Ġunju 2014 fis-5.45pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti:- | Sindku | John Mary Calleja |
| | Viċi Sindku | Romeo Baldacchino |
| | Kunsillieri: | Mark Anthony Sammut, Demelsa Grech u Stefan Caruana |
| | Ambaxxatriċi: | Melanie Bugeja |
| | Segretarju Eżekuttiv: | Joseph M. Formosa |

**Aġenda:-**

1. Kommunikazzjonijiet:-
    a. Sindku
    b. Kommunikazzjonijiet dwar xogħol tad-dekasteri:
        i. Viċi-Sindku
        ii. Kunsillieri
    c. Korrispondenza

2. Rapporti:-
    a. Ilmenti

3. Manutenzjoni tal-uffiċċju tal-Kunsill Lokali l-Gudja

4. Xogħlijiet u Progress:-
    a. Toroq oħra:- Triq Ħal Safi u Triq Birżebbuġa
    b. Sqaqien qalb l-għelieqi – skema finanzjament – Post ta' rikreazzjoni

5. Management Letter – tweġiba

6. Għeluq tal-laqgħa u aġġornament

***Ftuħ tal-laqgħa***

Il-laqgħa bdiet fis-6.00pm wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

**1.0 Kommunikazzjonijiet**

1.1.0 Sindku

1.1.1 Viżita ta' korteżija mis-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali Dr. Stefan Buontempo. Is-Sindku qal li llum saret viżita ta' korteżija li minnaħa tal-Kunsill attendew flimkien miegħu l-Viċi-Sindku s-Sur Baldacchino kif ukoll il-Kunsilliera Ms. Grech. Is-Sindku qal li ż-żewġ kunsilliera s-Sur Sammut u s-Sur Caruana ma setgħux jattendu minħabba impenji ta' xogħol u li ma kienx hemm pre avviż fi żmien li setgħu jagħmlu arranġamenti dwar il-post tax-xogħol tagħhom.

Is-Sindku qal li t-temi diskussi kienu dawn:-

a. Konfini tal-Gudja
b. Il-VAT li jħallas il-Kunsill
c. Mappa turistika tal-Gudja

d. Possibilita li l-Kunsill jirċievi parti mill-flus tal-permessi speċjalment fil-ħwienet tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta
e. Il-Gudja bħala post ta' attrazzjoni turistika.

Is-Sindku qal illi Dr. Buontempo wera x-xewqa li ssir preżentazzjoni uffiċjali tal-Mappa Turistika tal-Gudja. Għal din il-preżentazzjoni tiġi mistiedna l-media u ssir pubbliċita xierqa kemm għal proġett kif ukoll tal-Gudja.

1.1.2 Jum il-Gudja – 15 ta' Lulju 2014 – Palk għall-okkażjoni. Is-Sindku qal li kien qed issir preparamenti sabiex il-palk jintrema fil-Pjazza ta' quddiem il-Knsija bil-possibilità li jitħalla miftuħ iz-zuntier tal-Knisja tal-Gudja u li d-dawl għal palk jingħata mill-istess Knisja u b'hekk jiġu ffrankati ħafna spejjeż.

1.1.3 Parteċipazzjoni taż-żewġ baned lokali għal Jum il-Gudja 2014. Is-Sindku qal li kien qed ifittex li ż-żewġ baned jieħdu sehem f'Jum il-Gudja u kien se jkollu laqgħa mal-President u Segretarju tal-Għaqda Mużikali Marija Assunta u s-Soċjetà Filarmonika La Stella.

1.1.4 Ħarġa għal Għawdex f'Jum il-Gudja. Is-Sindku qal li jidher li din il-ħarġa hija popolari u għalhekk sejra tiġi wkoll din is-sena inkluża fil-programm ta' attivitajiet għal Jum il-Gudja 2014.

1.1.5 Ħarġa għal Sqallija. Is-Sindku qal li din il-ħarġa tħassret peress li ma kienx hemm konkorenza.

1.1.6 Wirja fit-08 ta' Lulju 2014 – fil-programm tal-'Erba' Staġuni'. Is-Sindku qal li din il-wirja sejra wkoll tiġi nkluża fil-programm ta' Jum il-Gudja

1.1.7 Firem fuq ittri/ċirkularijiet lir-residenti. Is-Sindku qal li jkun mixtieq illi ittri bħal dawn ikollhom ukoll il-firma tas-Sindku peress li huwa, s-Sindku, li huwa l-Kap tal-operat u eletta tal-Kunsill. Saret diskussjoni u ġie deċiż illi ittri/ċirkularijiet lir-residenti jkollhom biss il-firma tas-Segretarju Eżekuttiv li jiffirma f'isem il-Kunsill Lokali.

Ittri u korrispondenza tal-Kunsill ikollhom il-firma tas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv skont kif ikun il-każ.

Ċertifikati li joħorġu taħt il-firma tas-Sindku, Kunsillier inkarigat kif ukoll l-għalliem/a skont il-każ.

1.1.8 Devoluzzjoni tal-art biswit Palazzo d'Aurel fil-Gudja. Is-Sindku fakkar lill-Kunsill li qed jaħdem dwar l-applikazzjoni għad-devoluzzjoni ta' din il-biċċa art li għandha wkoll isservi sabiex il-Kunsill jagħmel l-uffiċċju amministrattiv tiegħu kif ukoll ikun hemm Ċentru Ċiviku li jaqdi l-ħtiġijiet tar-residenti fosthom Berġa moderna u anke post fejn il-Kunsill ikun jista' juża bħala store/garage.

Saret diskussjoni.

Il-Kunsill qabel li għalkemm il-Kunsill għandu jaħdem għad-devoluzzjoni ta' din l-art, deċiżjoni dwar l-użu tagħha għandha tittieħed wara konsiderazzjoni serja u konsultazzjoni mal-pubbliku skont kif ikun meħtieġ.

1.2 Kommunikazzjonijiet dwar xogħol tad-dekasteri

1.2.1 Viċi-Sindku

a. Ġbir ta' ħwejjeġ nhar is-Sibt 31 ta' Mejju 2014 favur l-Inspire. Is-Sur Baldacchino qal li xtaq jirringrazzja lil kull min ħadem sabiex din l-attività li għandha l-għan filantropiku jkun hekk ta' suċċess. Is-Sur Baldacchino qal li tant in-nies ikkonkorrew li kien hemm bżonn ta' żewġ skips u għalhekk peress li l-Kunsill akkwista skip waħda bla ħlas kellu jħallas biss għal skip waħda. Is-Sur Baldacchino qal li l-ġbir tal-ħwejjeġ minn ħdejn il-Librerija huwa ideali u dan naqqas it-tbagħatija kemm għal dawk li ġew bil-ħwejjeġ kif ukoll għal membri tal-Kunsill li ħadmu f'din l-attività.

b. Tank tal-ilma ġdid għal-latrini pubbliċi fi Ġnien R. Caruana u xogħlijiet oħra ta' manutenzjoni. Is-Sur Baldacchino qal li hemm bżonn li jinbidel dan it-tank u li jsiru xogħlijiet ta' manutenzjoni f'dawn il-latrini. Il-Kunsill approva dak li qal is-Sur Baldacchino u qabel li jagħmel il-finanzjament meħtieġ.

c. Playing field fi Ġnien R. Caruana. Is-Sur Baldacchino qal li fadal xi ftit nuqqasijiet żgħar u qed jaħdem sabiex dawn isiru fl-aqsar żmien possibli. Is-Sur Baldacchino qal li r-railing huwa lest u l-gazebo veru ġiet sabiħa u apprezzata.

d. Reflector ħdejn il-Knisja ta' Bir Miftuħ. Is-Sur Baldacchino qal li hemm il-ħtieġa li dan ir-reflector jiġi msewwi sewwa jew jinbidel. Il-Kunsill qabel li jitlob lill-kuntrattur Nexos sabiex jagħmel ix-xogħol meħtieġ peress li jekk l-inħawi ikunu fid-dlam hemm riskju kbir li jkun hemm xi attentat ta' vandaliżmu.

e. Tabelli madwar Ġnien R. Caruana. Is-Sur Baldacchino qal li hemm il-ħtieġa li dawn it-tabelli jinbidlu u fejn possibli jitnaqsu l-arbli li jistgħu joħolqu periklu speċjalment għat-tfal. Il-Kunsill qabel li jiġu ordnati dawn it-tabelli u li jsir il-finanzjament tagħhom kif ikun meħtieġ.

f. Kuntratt ta' Non-Urban Cleaning. Is-Sur Baldacchino qal li dan il-kuntratt għandu jiġi iffirmat malajr kemm jista jkun. Il-Kunsill reġa ikkonferma li dan il-kuntratt għandu jinkludi proviżjoni li l-kuntrattur għandu kull xahar jippreżenta mal-invoice lista ta' xogħlijiet li jkun wettaq, li għalihom ikun qed jitlob il-ħlas u li din il-lista għandha tiġi ippreżentata lill-Kunsill.

g. Servizz ta' knis u qtugħ tal-ħaxix fit-toroq urbani tal-Gudja. Is-Sur Baldacchino qal li dan il-kuntrattur qed jonqos u għalhekk il-Kunsill għandu jsejjaħlu dwar dan sabiex jiġi spjegat sewwa r-responsabilità tiegħu lejn il-Kunsill u r-residenti tal-Gudja.

1.2.2 Kunsillieri

a. Mark Anthony Sammut

i. Vote16. Is-Sur Sammut qal li huma flimkien mal-Ambaxxatriċi Ms. Bugeja qed imexxi grupp magħmul minn reappreżentanti ta' tliet għaqdiet li huma: Grupp Żgħażagħ Gudja, Għaqda Mużikali Marija Assunta u Soċjetà Filarmonika La Stella, bil-għan li b'mod sottili jibni strateġija dwar il-Vote 16 kif ukoll iż-żgħażagħ jersqu aktar lejn il-ħidma tal-Kunsill Lokali.

L-iskop ta' din il-ħidma hija:-

- Tiġi aktar magħrufa r-rwol tal-Ambaxxatriċi Melanie Bugeja fil-Vote 16 u qalb iż-żgħażagħ tal-Gudja.
- Iż-żgħażagħ jersqu aktar lejn il-Kunsill.

- Iż-żgħażagħ jagħrfu jaħdmu aktar b'mod volontarju.

It-targit huwa primarjament dawk iż-żgħażagħ bniet u subien ta' bejn it-13 u t-18-il sena għalkemm l-adulti mhux se jkunu esklużi minn dawn l-attivitajiet.

Is-Sur Sammut qal li dawk li jattendu għal dan is-sotto kumitat għandhom ir-role sabiex iħeġġu il-membri żgħażagħ tagħhom sabiex jifhmu xi jfisser il-Vot 16 u b'mod l-aktar feliċi jifhmu kif taħdem id-domokrazija, r-rwol u l-importanza tal-Kunsill Lokali.

Bħala bidu qed jiġu mħejji kwestjonarju li sejjer jitqassam qalb il-familji/djar fil-Gudja.

Dan il-kwestjonarju jkun fih dawn il-mistoqsijiet:-

1. Smajt bl-inizjattiva tal-Vote16?
2. Jekk iva, x'taf fuqha?
3. Taqbel li ż-żgħażagħ jivvutaw ta' 16-il sena?
    - Kunsilli Lokali biss
    - Kunsilli Lokali u MEPs
    - Elezzjonijiet kollha, inkluż dawk ġenerali
    - Fl-ebda elezzjoni
4. X'tixtieq li l-Kunsill jorganizza għaż-żgħażagħ?
5. Jekk il-Kunsill jorganizza attività b'xejn għaż-żgħażagħ kollha tal-Gudja, liema data tippreferi?
    - 13 ta' Settembru
    - 8 ta' Novembru

Meta jiġi annalizzat dan il-kwestjonarju juri xi jridu ż-żgħażagħ u l-attivitajiet ikunu ibbażati fuq dan.

Sabiex iż-żgħażagħ jimlew u jibagħtu dan il-kwestjonarju se titellgħa lotterija u min jitla' ismu jirbaħ Playstation li se jkun mixtri mill-Kunsill Lokali l-Gudja.

Il-programm preliminari huwa:-

11 ta' Lulju 2014 – attività sportiva filgħaxija
01-15 ta' Awwissu 2014 – i. f'xi ġurnata dan il-grupp iżuru l-anzjani
ii. attività fiżika u sportiva
iii. Treasure hunt kulturali
13 ta' Settembru 2014 – seminar u workshops għall-kunsilleri Vote 16 bejn id-9am u fl-12.00pm

Ms. Bugeja sejra tkun l-organizzatur ewlenija u tkun mgħejjuna minn persuni oħra kif ikun meħtieġ. Is-Sur Sammut qal li ż-żgħażagħ għandhom jiġu mħeġġa li jkun parteċipanti u mhux spettaturi. Is-Sur Sammut qal li l-laqgħa li jmiss ta' dan is-sotto kumitat se ssir nhar it-Tnejn 09 ta' Ġunju 2014 fis-6.00pm.

Is-Sindku wera x-xewqa tiegħu li jkun preżenti waqt din il-laqgħa sabiex ikun jista' isostni l-ħidma taż-żgħażagħ f'dan il-proġett kif ikun meħtieġ.

ii. Traffic management aħjar ħdejn it-traffic lights biswit Palazz ta' Bettina u l-istage fi Triq Ħal Għaxaq. Is-Sur Sammut qal li hemm il-ħtieġa li jsir xi forma ta' kontrol sabiex jiġi eliminat il-periklu li ta' spiss qed jinħoloq meta xi sewwieqa li jidħlu b'sewqan eżaġerat wara l-istage u jaqbżu d-dawl ta' traffiku u jipproċedu lejn Ħal Għaxaq.

Il-Kunsill qabel li jsiru bollards li jagħlqu din il-parti u għalhekk din il-proposta għandha tintbagħat lit-TM sabiex ix-xogħol issir wara li jinkiseb il-permess tat-TM.

iii. Ħajt tas-sejjiegħ f'għalqa fit-tarf ta' Triq il-Lebbien, il-Gudja. Is-Sur Sammut qal li dan il-każ ilu li ġie għall-attenzjoni pubblika mill-15 ta' Marzu 2014 u li huwa għamel diversi tentattivi sabiex jara li kemm il-Kunsill kif ukoll il-MEPA tieħu azzjoni.

Is-Sur Sammut sostna li l-Kunsill għandu jagħmel aktar pressjoni fuq il-MEPA sabiex filwaqt tigwida lill-Kunsill sabiex jieħu passi u jipproteġi l-pajsaġġ (ħitan tas-sejjiegħ m'għandhomx jinqerdu) tieħu wkoll passi li twaqqaf il-ħsarat f'dan ir-rigward.

Is-Sindku wieġeb illi l-Kunsill għamel u jibqa' jagħmel dak kollu possibli u issa huwa għal MEPA li tieħu l-passi skont il-każ.

Is-Sindku qal li l-MEPA hija konxju dwar dak li ġara u minnaħa tal-Kunsill peress li dak li ġara sar minn għalqa privata li jista' jagħti l-każ li tinsab f'żona ta' żvilupp, ikun inutli li jidħol f'xi konflitt li dwaru ma jkollux l-informazzjoni u xiehda li jressaq persuni quddiem il-Qorti.

Is-Sindku fakkar li huwa jinsab infurmat li l-Pulizija marru fuq il-post iżda jidher li ma pproċedewx aktar dwar dan il-każ.

Is-Sindku qal li l-Kunsill sejjer ikompli sabiex jikseb it-tagħrif u l-gwida meħtieġa mill-MEPA iżda ma hemmx bżonn li joħroġ xi stqarrija kif talab is-Sur Sammut.

Is-Sur Sammut qal li jħossu ddiżapuntat li l-MEPA ma ikkalkulatx il-Kunsill u għalhekk illi l-Kunsill għandu jinforma lill-MEPA illi jekk il-Kunsill ma jkollux risposta sodisfaċenti mingħand il-MEPA, il-Kunsill ikun kostrett li jagħmel stqarrija dwar dan il-każ.

b. Demelsa Grech

i. Jum il-Qari (Festa Qari). Ms. Grech qalet li din l-attività kienet ta' suċċess fejn kull min attenda ħareġ sodisfat. Ms. Grech qalet li xtaqet tirringrazzja lil kull min ta' sehemu f'din l-attività kif ukoll lill-President tar-Reġjun Nofsinhar is-Sur Jesmond Aquilina, lis-Sindku s-Sur Calleja u l-Kunsilliera kif ukoll lill-impjegati tal-Kunsill. Apprezzament kbir imur lejn il-kittieb is-Sur Trevor Zahra li kien l-attrazzjoni ewlenija.

ii. Laqgħa Plenarja tar-Reġjun Nofsinhar. Ms. Grech qalet li hija ħadet sehem f'din il-konferenza fosthom ingħatat informazzjoni dwar il-fondi mill-Ewropa li jistgħu ikunu ta' vantaġġ għall-Kunsill.

iii. Badge tar-Reġjun. Ms. Grech qalet li hija irċeviet il-badge tar-Reġjun u gabret ukoll il-badge u t-tie pin għas-Sindku.

iv. Kotba għal-Librerija G. Zammit. Ms. Grech qalet li issa li fadal fondi minn dawk tar-Reġjun tan-Nofsinhar il-Librerija sejra iżżid fil-kotba.

v. Cameras ġewwa l-Gudja. Ms. Grech qalet li l-Kunsill għandu jitlob l-għajnuna tar-Reġjun sabiex joffri kemm jista' jkun malajr sistema ta' cameras sabiex joffri sigurtà u jitnaqqas l-abbuż u l-vandaliżmu fil-Gudja.

c. Stefan Caruana

i. Is-Sur Caruana qal li fi żmien qasir sejra titwaħħal fl-inħawi ta' Ġnien tal-Kmand li jinsab fit-tarf ta' Triq Bir Miftuħ li tiżbokka f'Dawret il-Gudja.

ii. Lejla Nostalġika – 08 ta' Lulju 2014 – Arti u Mużika. Is-Sur Caruana qal li l-programm "L-Erba' Staġuni" sejjer ikompli b'din l-attività li dwara sejjer jagħti aktar tagħrif 'il quddiem.

Is-Sindku qal li din l-attività għandha tiġi nkluża fil-programm ta' attivitajiet dwar Jum il-Gudja 2014.

iii. Programm L-Erba' Staġuni – 08 ta' Novembru 2014. Is-Sur Caruana qal li wara dan il-programm sejjer ikompli fit-08 ta' Novembru u li sejjer jagħti aktar informazzjoni aktar 'il quddiem. Is-Sur Caruana fakkar li parti minn dan il-programm kiseb finanzjament ta' €1000.00 mill-Gvern Ċentrali taħt skema ta' finanzjament għall-attivitajiet.

iv. Arblu bil-bandiera tal-Gudja f'post ċentrali. Is-Sur Caruana qal li jħoss li wasal iż-żmien li l-Kunsill ikollu l-arblu f'post ċentrali u prominenti sabiex itella' l-bandiera tal-Kunsill.

Dan l-arblu jista' jkollu arblu ta' bejn 32 u 40 pied u jista' jiġi mwaħħal jew fl-inaħawi tal-Palazz ta' Bettina jew fl-inħawi ta' Bir Miftuħ. Il-Kunsill qabel li jkompli jistħarreġ dwar dan u jikseb informazzjoni dwar permessi meħtieġa u spejjeż involuti.

v. Bin on wheel fi Triq J. Gravina. Is-Sur Caruana qal li qed ikun hemm talbiet li din l-iskip titla' lura fejn kienet peress li qed issir miżbla. Il-Viċi Sindku qal li mhux ħaġa diffiċli li din l-iskip titla' fi Triq J. Gravina. Il-problema hija li din l-iskip tigi abbużata u hemm bżonn aktar sorveljanza u ħtieġa kbira li jkun hemm cameras.

F'dan l-istadju l-Kunsill qabel li għandha ssir pressjoni fuq ir-Reġjun sabiex il-Kunsill jingħata servizz ta' CCTV sabiex jipproteġu l-ambjent.

vi. Ħsara fi proprjetà fi Triq G. Cassar. Is-Sur Caruana qal li xi bollards tkissru u jista' jagħti każ li ħsara ġrat minn xi bowżer li kien qed jiċċekja d-drenaġġ fi Triq il-Kbira. Is-Sindku wieġeb li dawn il-bollards għandhom jiġu msewwija jew mibdula u l-Kunsill sejjer ukoll jistaqsi lil WSC dwar l-iskop tat-testijiet li qed isiru fid-drenaġġ ta' Triq il-Kbira.

vii. Xogħlijiet oħra. Sprall fi triq il-kbira ftit 'il bogħod mill-mina. Tabelli fi Ġnien G. Cassar. Qtugħ u qlugħ ta' siġar tal-ficus. Traffic Lights biswit l-Ajrurport Internazzjonali ta' Malta u Triq Ħal Resqun. Is-Sur Caruana qal li l-Kunsill għandu jinkludi dawn ix-xogħlijiet fil-ħidma tiegħu u li jsir il-monitoring meħtieġ.

1.3 Korrispondenza

1.3.1 Il-Kunsill ħa konjuzzjoni tal-korrispondenza kemm dik li rċieva kif ukoll dak li intbagħat mill-Kunsill u qabel li jkompli jsegwi fl-aħjar interess tal-Kunsill.

1.3.2 Parking bay fi Triq il-Palma. Il-Kunsill ħa konjunzjoni dwar diversi rserved parking li min huwa intitolati li jipparkja f'dawn il-parking bays riservata qed jipparkja f'parkin bays bojod u jħalli r-reserved parking għal qraba u ħbieb tagħhom.

1.3.3 Petizzjoni. Il-Kunsill ġie nfurmat dwar petizzjoni – markata Dok P "A" li titlob li tinqala siġra tal-ficus fil-pjazetta tal-Qalb ta' Ġesù. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill Kunsill li wara li din il-petizzjoni waslet għand il-Kunsill tliet persuni ġew il-Kunsill u talbu li jħassru l-firma tagħhom minn fuq din il-petizzjoni.

Il-Kunsill ikkonsidra l-kontenut ta' din il-petizzjoni u qabel li jkompli jistħarreġ dak meħtieġ sabiex filwaqt li jipproteġi l-ambjent u l-proprjetà ma jiġix kaġunati xi inkonvenjenti oħra.

## 2.0 <u>Rapporti</u>

2.1.0 Ilmenti

2.1.1 Il-Kunsill ħa konjuzzjoni tal-ilmenti li rċieva l-Kunsill u ħa konjuzzjoni dwar kif il-Kunsill wieġeb u aġixxa sabiex dawn l-ilment jiġu konsidrati fl-aqsar ħin possibli għas-sodisfazzjoni għal kull min ikun għamel ilment jew xi forma ta' kumment u rakkomandazzjoni.

2.1.2 Double yellow line. Il-Kunsill ħa konjuzzjoni tal-ħtieġa li jsir double yellow line fi Triq il-Kbira kantuniera ma' Wesgħet Anġlu Dalli u li hemm il-ħtieġa li dan issir sabiex jiġi evitat riskju u inkonvenjent li jinħoloq meta xi vettura tkun ipparkjata f'din il-katuniera.

Il-Kunsill qabel li jikseb il-permess ta' TM sabiex dan id-double yellow line issir fl-aqsar żmien possibli.

## 3.0 <u>Manutenzjoni tal-uffiċċju tal-Kunsill Lokali l-Gudja</u>

3.1 Il-Kunsill qabel li jagħmel pressjoni fuq iż-żewġ kuntratturi li għamlu l-offerta taghhom sabiex jimlew u jibagħtu l-Bill of Quantity (BOQ) kif ippreparat mill-Perit tal-Kunsill.

## 4.0 <u>Xogħlijiet u Progress:-</u>

**<u>a. Toroq oħra:- Triq Hal Safi u Triq Birżebbuġa</u>**

**<u>b. Sqaqien qalb l-għeliegi – skema finanzjament – Post ta' rikreazzjoni</u>**

4.1 Il-Kunsill qabel li tissejjaħ laqgħa urġenti mal-Perit sabiex jiġi spjegat r-rapport dwar l-estimi u wara jitħejja programm dwar dawn ix-xogħlijiet.

## 5.0 Management Letter – tweġiba

5.1 Il-Kunsill iddiskuta diversi punti fosthom li l-Kunsill għandu juża l-kontenut tal-Management letter b'mod strateġiku sabiex il-ħidma tal-Kunsill tkun aktar effiċjenti u effettiva.

5.2 Il-Kunsill qabel ukoll li jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex xi nuqqasijiet kif ukoll xi suġġerimenti oħra jiġu implimentati.

5.3 Dwar l-accounts il-Kunsill qabel li jieħu dawn l-azzjonijiet:-

100% Write offs: creditors –

a. Audio Visual Centre Ltd €280.51
b. Ronald Bezzina Gardening €818.08
c. Sandro Brincat €705.27

5.4 Kopja ta' din ir-risposta kif approvata tinsab anness ma' dawn il-minuti markata Aud "A".

5.5 Il-Kunsill qabel li din il-ittra tiġi ffirmata mis-Sindku u Segretarju Eżekuttiv u jipproċedi skont proċeduri stabbiliti.

## 6.0 Għeluq tal-laqgħa u aġġornament

6.1 Il-Kunsill qabel li jsir xogħol fi Ġnien R. Caruana dwar iċ-ċangatura. Il-Kunsill qabel li jinxtara mutur li jaqta' l-frieghi ta-siġar u s-somma ma taqbiżx il-€500.00 Il-Kunsill qabel li jkompli b'xogħol ta' zebgħa f'diversi nħawi tal-Gudja.

6.2 Il-Kunsill qabel li jsir xogħol ta' manutenzjoni u bdil ta' viti li jagħmlu aktar ekonomija dwar il-ħela tal-ilma u xogħlijiet oħra li jagħtu dehra aħjar tal-ambjent f'dawn il-latrini pubbliċi fil-Gudja (ara lista ta' xogħlijiet).

Il-Kunsill qabel li jagħmel il-finanzjament kif ikun meħtieġ.

6.3 Każ dwar allegazzjoni li ħarġet informazzjoni mill-Kunsill wara li rċieva petizzjoni dwar bidl ta' isem ta' Triq Mons. Pawlu Mallia. Il-Kunsill għamel referenza dwar din l-allegazzjoni u wara li ġie nnotat dak kollu li nkiteb, il-Kunsill huwa tal-fehma li l-Kunsill ma żvela l-ebda informazzjoni konfidenzjali u għalhekk ma għandux ikun parteċipu jew jidħol f'xi kontroversji bla bżonn.

Il-Kunsill iħoss illi r-risposta tal-Kunsill hija finali u li din il-kwistjoni issa tinsab konsdrata magħluqa minnaħa tal-Kunsill filwaqt min iħoss li jrid isostni fit-talba tiegħu jista' jagħmel dan mal-Awtorità kompetenti – Street Naming Committee sabiex din l-Awtorirà tieħu deċiżjoni kif ikun meħtieġ.

**Aġġornament:-**

Peress li l-materja li għaliha li ġiet msejħa l-laqgħa ġiet eżawrita, is-Sinku għalaq din il-laqgħa fid-9.00am u aġġorna l-laqgħa għad-19 ta' Ġunju 2014 fis-5.45pm fuq Aġenda li tiġi ċirkulata għand il-kunsillieri kollha aktar 'il quddiem qabel il-laqgħa.

Joseph M. Formosa
Segretarju Eżekuttiv

John-Mary Calleja
Sindku

Approvati:-